

- jikkundanna lill-konvenuta sabiex tikkompensa d-dannu kkawżat lir-rikorrent min-nota tat-28 ta' Frar 2011 kif ukoll min-nota tal-14 ta' Settembru 2011, fl-ammont ta' EUR 10 000, jew kwalunkwe somma ikbar jew iżgħar li fil-fehma tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tkun ġusta u ekwa;
- jikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Frar 2012 — ZZ vs EIGE

(Kawża F-20/12)

(2012/C 138/80)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: ZZ (rappreżentanti: T. Bontinck u S. Woog, avukati)

Konvenut: L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

Suġġett

Annulament tad-deċiżjoni tal-konvenut li tittrasferixxi mill-ġdid lir-rikorrenti mill-pożizzjoni ta' kap tal-operazzjonijiet għal pożizzjoni ta' kap ta' tim li ma teħtieġx kompetenzi maniġerjali.

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tat-8 ta' Settembru 2011 tad-Direttriċi tal-EIGE li tassenja mill-ġdid lir-rikorrenti f'pożizzjoni li ma hijiex relatata mal-maniġment;
- bħala konsegwenza ta' dan l-annulament, tordna r-reintegrazzjoni immedjata tar-rikorrenti fil-pożizzjoni preċedenti tagħha u l-ħlas tal-allowance tal-maniġment b'effett retroattiv għall-1 ta' Ġunju 2010;
- tikkundanna lill-EIGE għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Frar 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni u CEPOL

(Kawża F-22/12)

(2012/C 138/81)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: L. Levi, M. Vandenbussche, avukati)

Konvenuti: Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija

Suġġett

L-annulament tad-deċiżjonijiet li jirrifjutaw it-talba għall-għoti tal-allowance għal wild dipendenti u tal-allowance għall-edukazzjoni għat-tliet itfal ta' martu għall-perijodu li fih huma kienu għadhom qed jgħixu fil-Filippini.

Talbiet tar-rikorrent

- l-annulament tad-deċiżjoni impliċita tal-25 ta' Marzu 2011 u tad-deċiżjoni espliċita adottata mill-PMO (Uffiċċju għall-Amministrazzjoni u l-Ħlas ta' Drittijiet Indivdwali) fil-11 ta' Lulju 2011, ikkonfermata bid-deċiżjoni tad-9 ta' Novembru 2011 li tirrifjuta l-ilment, sa fejn dawn jirrifjutaw it-talba tar-rikorrenti biex jingħata l-allowance għal wild dipendenti u l-allowance għall-edukazzjoni għat-tliet itfal ta' martu għall-perijodu li fih huma kienu għadhom qed jgħixu fil-Filippini;
- konsegwentement, ir-rikonoxximent tad-dritt tar-rikorrent għall-imsemmija allowances;
- il-kompens tad-danni materjali mġarrba mir-rikorrent li jikkonsisti fi ħlas retroattiv tal-allowances għal wild dipendenti u għall-edukazzjoni mill-1 ta' April 2009, evalwati provviżorjament fl-ammont ta' EUR 33 673,31, b'interessi moratorji stabbiliti skont ir-rata ta' referenza tal-Bank Ċentrali Ewropew biż-żieda ta' żewġ punti perċentwali;
- il-kompens tad-dannu morali mġarrab mir-rikorrent evalwat għal EUR 20 000;
- tikkundanna lill-konvenuti għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Frar 2012 — ZZ et vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-23/12)

(2012/C 138/82)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: ZZ et (rappreżentant: C. Mourato, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

L-annulament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/204/10 li r-rikorrenti ma jiġux ammessi għall-istadju segwenti tal-kompetizzjoni.